# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 ta' April 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1798/99mm**

**Francis Busuttil & Sons Ltd**

**vs**

**Claude Sarsero**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Dicembru 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi is-somma ta' erba mija u tmintax-il lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm418.55c) rappresentanti, in kwantu ghal Lm350 rifusjoni ta' spejjez ta' *"Sales Training Programmeme"* li huwa kellu jattendi skond ftehim li kopja tieghu giet annessa Dok A, u l-bilanc ta' Lm68.55c rifuzzjoni tal-prezz ta' uniformi (Dok B) lilu provduta waqt l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici

(Dok C), liema ammonti huma dovuti minnu stante li huwa ttermina l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici fit-30 ta' Lulju 1999 qabel it-terminu stabbilit fl-imsemmi ftehim Dok A.

Bl-imghax mit-30 ta' Lulju 1999 u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-iskritturi mmarkati Dok A u Dok B huma vizzjati bi vjolenza morali;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu ghall-uniformi ebda ammont ma hu dovut stante illi din giet accettata lura mis-socjeta' attrici;

3. Illi, subordinatament u ming pregudizzju ghas-suespost, l-ammot pretiz mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll kontestat;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhumiex dovuti imghaxijiet mit-30 ta' Lulju 1999 kif pretizi

mis-socjeta' attrici.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-23 ta' Marzu,2000 fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-konvenut Claude Sarsero ghamel xi zmien impjegat bhala *"sales representative"* mas-socjeta' attrici. Matul dan iz-zmien inghata uniformi fit-28 ta' Mejju 1998 liema uniformi kienet tiswa tmienja u sittin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm68.55c). Fil-kors ta' l-impjieg tieghu, f'Ottubru 1998 is-socjeta' attrici ddecidiet li torganizza course ghall-impjegati taghha liema course sar fuq weekend f'lukanda Ghawdex. Qabel ma sar dan il-course l-impjegati dahlu fi ftehim ma' l-istess socjeta' attrici liema ftehim hu riportat a fol 2 tal-process. F'dan il-ftehim hemm imnizzel li l-kumpanija kellha

tkun responsabbli ghall-ispejjez u pagamenti kollha in konnessjoni ma' dan is-*sales training programmeme* li kien ser isir go Ghawdex, pero' l-impjegat kellu jibqa' mal-kumpanija almenu ghal sentejn mid-data li jispicca dan is-sales training programmeme. Fil-kaz li impjegat jitlaq qabel dan iz-zmien allura jkun tenut ihallas lura lill-kumpanija l-ispejjez ta' dan is-*sales training programmeme* li gie kkwantifikat fl-ammont ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350).

Irrizulta illi wara xi zmien il-kumpanija biddlet il-policy taghha ghal dak li jirrigwarda certu prodotti li kien imexxi l-konvenut. Peress illi l-konvenut kellu salarju bbazat fuq il-minimum wage pero' kellu ukoll il-commission fuq l-ammont ta' prodotti li kien ibiegh u peress illi b'din il-policy l-konvenut sab illi l-introjtu tieghu naqas b'xi sittin lira fix-xahar, iddecieda illi jitlaq mill-impjieg u jmur ifittex band'ohra.

Irrizulta illi l-konvenut irrizenja mill-impjieg fit-30 ta' Lulju 1999 (fol 23) u coie' qabel is-sentejn kif stipulat fil-ftehim a fol 2 tal-process u ghalhekk skond il-kumpanija kien dovut ihallas lilha l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350). Fil-mori ta' din il-kawza gie esibit breakdown ta' l-istima ta' l-ispejjez kollha illi ghamlet il-kumpanija inkonnessjoni ma' dan is-*sales training*

*programmeme* u rrizulta illi kull impjegat kien qed jiswa lill-kumpanija c-cifra ta' tlett mija u erbatax-il lira u hames centezmi (Lm314.05c).

Il-Qorti fliet sew dan il-breakdown kif ukoll l-ispejjez illi jirrizultaw illi saru f'dan is-*sales training programmeme*. F'dokument B tan-nota esibita fil-21 ta' Marzu,2001 hemm diversi items illi jidhru illi huma eccessivi bhal ma huma transfers tan-night clubs, xampanja u affarijiet ohra simili.

Irrizulta illi dan il-konsum ma kienx biss tal-persuna li kien qed imexxi dan is-seminar u coie' s-Sur Cauvier izda tal-persuni kollha illi kienu qed jaghmlu uzu minn din il-lukanda f'isem il-kumpanija. Dana setgha jinkludi wkoll il-konvenut fliema kaz hu wkoll ha beneficcju minn dan il-konsum u servizzi kif murija fid-Dokument B ta' dan il-process. Fil-fatt fis-*summery of expenses* ta' kull persuna partecipanti taht l-isem ta' Denis Cauvier insibu biss ir-room charge ta' hamsin lira (Lm50). L-items l-ohra taht frigobar u telephones huma fil-fatt vojta, mentri l-konvenut Claude Sarsero jidher illi ghamel uzu minn dan il-frigobar u ghamel ukoll xi telephones.

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi dan l-istatement jew rendikont illi

pprezentat is-socjeta' attrici huwa wiehed veritjer u ghandu jkun maqsum bejn tnejn u tletin persuna li huma l-partecipanti ta' dan is-seminar. Dana jgib ic-cifra ta' tlett mija u erbatax-il lira u hames centezmi (Lm314.05c) ghal kull persuna liema cifra hija wahda gustifikata u ghandha tithallas a bazi tal-ftehim a fol 2 tal-process. Rigward l-uniformi rrizulta illi dina nghatat lill-konvenut fit-28 ta' Mejju 1998 (fol 5) u spicca mill-impjieg fit-30 ta' Lulju 1999. Ghalhekk irrizulta illi l-konvenut dam juza din l-uniformi ghal disa xhur biss. Skond il-ftehim f'dokument B a fol 4 tal-process hemm imnizzel illi jekk impjegat ghal kwalunkwe raguni jitlaq mill-impjieg minn mas-socjeta' attrici qabel is-sentejn huwa jkun tenut illi jhallas ghal din l-uniformi. Dan il-ftehim gie ffirmat mill-Managing Director tas-socjeta' attrici kif ukoll mill-konvenut. Peress illi kif gia nghad il-konvenut kien dam juza din l-uniformi ghal disa xhur biss allura wkoll hawnhekk is-socjeta' attrici ghandha ragun, u huwa tenut illi jhallas dan l-ammont kif mitlub.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi, illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-istess socjeta' s-somma ta' tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltin u sittin centezmi

(Lm382.60c) kwantu ghal tlett mija u erbatax-il lira u hames centezmi (Lm314.05c) rifuzjoni ta' spejjez ta' sales training programmeme li hu kellu jattendi li skond ftehim li kopja tieghu giet annessa ma' l-avviz Dokument A, l-bilanc ta' Lm68.55c rifuzzjoni ta' prezz ta' uniformi Dokument B lilu provduta waqt l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici liema ammonti huma dovuti mill-istess konvenut stante illi huwa ttermina l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici fit-30 ta' Lulju 1999 qabel it-terminu stabbilit fl-isemmi ftehim Dokument A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg